# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 108/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**WG**

**vs**

**SA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' WG, datat 13 ta' Marzu 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huwa izzewweġ lill-intimata, u ċioe lil SA, permezz ta' ċerimonja reliġjuża iċċelebrata ġewwa l-Knisja tal-Mirakli ġewwa Ħal Lija nhar l-erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa ( 2009 );*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ l-partijiet ma kellhomx ulied;*

3. *Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2018, liema kopja tal-kuntratt hekk kif insinwat qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dok A*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimata;*

5. *Illi fil-fatt għaddew ferm oltre minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni de*

*facto bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;*

6. *Illi għaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet WG u SA;*

*Illi għalhekk ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tiddikjara ż-żwieġ tar-rikorrenti ma' SA maħlul, u li konsegwentament il-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi,*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' SA, datata 15 ta' Ġunju 2020, a fol 7 li taqra hekk:

*Illi hija ma topponix għat-talba ta' WG għall-pronunzjament tal-ħall taż-żwiel tagħhom ċelebrat nhar l-Erbgħa 4 ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) fil-Knisja tal-Mirakli ġewwa Ħal Lija u b'riferenza għall-Artikolu 66 B tal-Kap XIV tal-Liġijiet ta' Malta jingħad:*

*Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax ( 2018) u anke dik ta' separazzjoni de facto hekk kif ilhom separati għal oltre minn erba' snin rikjesti mil-liġi;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet tant li llum għandhom ħajja totalment għal rashom u;*

*Illi tfal ma kellhomx u di piu ma hemm ebda pendenzi relatati ma' xi manteniment bejn l-esponenti u r-rikorrenti.*

*Għaldaqstant l-esponent in vista tas-suespost hija tal-fehma li dina l-Onorabbli Qorti għandha tippronunzja d-divorzju taz-zwieġ tagħhom ċelebrat fl-4 ta' Settembru 2009, u tordna lir-Reġistratur sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, bl-ispejjeż kollha ikunu allokati lir-rikorrenti WG.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament u bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-intimata datata 24 ta' Settembru 2020;

Rat in-nota tal-attur datata 7 ta' Ottubru 2020 (certifikat taz-zwieg pprezentat);

**Ikkonsidrat;**

**WG** xehed (fol 11) illi huwa iżżewweġ lil **SA** fl-4 ta' Settembru 2009 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied. Illi dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

**SA** xehdet (vide affidavit a fol 15) u kkonfermat dak li xehed zewġha **WG** u żiedet tgħid illi huma isseparaw *de facto* fis-sena elfejn u ħmistax. Xehdet ukoll illi ma hemm l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin kif ukoll illi ma hemm obbligu ta' ħlas ta' manteniment. Finalment xehdet illi ma hemm l-ebda prospett għal rikonċiljazzjoni għaliex ilhom snin twal mifruda kif ukoll għaliex illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-4 ta' Settembru 2009, (vide ċertifikat taż-żwieġ, a fol 29) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella datat 28 ta' Marzu 2018 (vide fol 18) Jirriżulta pero mir-rikors promotur u mill-

affidavit ta' **SA** (fol 15) li l-partijiet isseparaw *de facto* fl-2015 u għalhekk ilhom separati *de facto* għal iktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**